Reġjun Għawdex

Laqgħa Nru. RGĦ 34/13

**Minuti tal-34 laqgħa li saret nhar it-Tlieta 3 ta' Settembru 2013.**

Il-Kumitat Reġjonali ltaqa fis-5:30 pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria. Preżenti; Dr Samuel Azzopardi (President), Joseph Sultana (Viċi president) il-membri Charles Said, Mario Azzopardi, Paul Azzopardi, Salvu Borg, Francis Cauchi, Nicky Saliba, David Apap u Ian Paul Bajada (Segretarju Eżekuttiv).

Intqalet t-talba u peress illi l-minuti tat- 33 laqgħa kienu ntbgħatu minn qabel, ma nqrawx u ġew approvati unanimament.

1. **Devoluzzjoni tal-*street lighting* lir-Reġjun t'Għawdex**

    1.1 Il-President talab illi jkun hemm tibdil fl-ordni tal-punti msemmija fl-aġenda peress illi wara l-laqgħa kienet ser issir laqgħa oħra ma' rappreżentanti mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, kif ukoll ma rappreżentanti tal-Ministeru tal-Enerġija. Il-membri kienu infurmati minn qabel. Għalhekk il-President talab illi l-ewwel tiġi diskussa punt sitta tal-aġenda. Kulħadd qabel ma din il-proposta.

    1.2 Il-President spjega kif l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali talab lill-President tar-Reġjun sabiex issir laqgħa flimkien ma' rappreżentanti tal-Ministeru tal-Enerġija u l-Enemalta ġewwa Kastilja. Għal din il-laqgħa attendew il-President u s-Segretarju tar-Reġjun. Il-President spjega kif il-Gvern Ċentrali qed jaħdem fuq applikazzjoni ta' proġett ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropeja dwar *street lighting* ġewwa Għawdex. Huwa spjega illi l-Gvern qed jissuġerixxi illi parti mit-twettiq ta' dan il-proġett tinvolvi d-devoluzzjoni tal-*street lighting* lir-Regjun t' Ghawdex. Il-President issuġerixxa illi l-Kumitat Reġjonali jisma' l-preżentazzjoni dwar dan il-proġett u wara din l-materja terġa tittella' fl-laqgħa oħra sabiex kulħadd ikun jista' jagħti l-opinjoni u s-suġġerimenti tiegħu.

**2. Korrispondenza**

2.1 Mingħand Maurice Caruana (LES Management Committee) fejn staqsa informazzjoni dwar *speed cameras*. Is-segretarju irrisponda billi stqarr illi r-Reġjun ilu li beda l-proċeduri tal-applikazzjoni sa mill-Lujlu 2012 u s'issa għad m'hemmx approvazzjoni għal dawn l-ispeed cameras.

2.2 Memo 19/2013 dwar il-Bord ta' Governanza

2.3 Mid-Dipartiment Gvern Lokali 'Ageing Creditors list as at 30th June 2013'.

**3. Approvazzjoni ta' Pagamenti**

3.1 L-iskeda tal-pagamenti numru 23 illi tammonta għal €46,085.92 ġiet approvata.

**4. Ħruġ ta' tender għall-servizzi tal-Prosekutur tat-Tribunal Lokali**

4.1 Is-segretarju spjega illi bħalissa għaddej bil-preparazzjoni ta' *tender document*. Huwa talab il-kumitat japprova dawn l-ispeċifikazzjonijiet illi l-kuntratt jiġi magħżul skont il-metodu *cheapest compliant*, ikun lawrejat bħala avukat u l-kuntratt ikun għal sena fejn jista' jiġġedded sa tlett snin. Kulħadd qabel ma dawn l-ispeċifikazzjonijiet.

**5. Materji oħra**

5.1 Peress illi ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi l-laqgħa ntemmet fis-6:30 pm

_______________ _______________

| | |
|---|---|
| Dr Samuel Azzopardi<br>President | Ian Paul Bajada<br>Segretarju Eżekuttiv |